

L-Erbgħa, 11 ta' Marzu 2009

Investigazzjoni ta' inċidenti fis-settur tat-trasport marittimu *III**

P6_TA(2009)0109

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Marzu 2009 dwar it-test konġunt, approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-prinċipji fundamentali li jirregolaw l-investigazzjoni ta' inċidenti fis-settur tat-trasport marittimu u li temenda d-Direttivi 1999/35/KE u 2002/59/KE (PE-CONS 3723/2008 – C6-0046/2009 – 2005/0240(COD))

(2010/C 87 E/57)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tielet qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-test konġunt approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni (PE-CONS 3723/2008 – C6-0046/2009),
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ⁽¹⁾ dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2005)0590),
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fit-tieni qari ⁽²⁾ dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-emendi tal-Parlament għall-pożizzjoni komuni (COM(2008)0827),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 251(5) tat-Trattat KE,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 65 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tad-delegazzjoni tiegħu għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni (A6-0101/2009),

1. Japprova t-test konġunt;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiffirma l-att flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 254(1) tat-Trattat KE;
3. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu sabiex jiffirma l-att wara li jkun ivverifika li l-proċeduri ntemmu kif imiss u sabiex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni leġislattiva lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ ĠU C 74E, 20.03.2008, p. 546.

⁽²⁾ Testi adottati, 24.9.2008, P6_TA(2008)0444.

⁽³⁾ ĠU C 184 E, 22.7.2008, p. 23.